**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 146/2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Eman Hayman)**

**vs.**

**Etienne Newbould**

Il Qorti:

Rat li tressaq taht arrest lil Etienne Newbould ta' 43 sena, iben Brian u Margaret nee' Cordina li twieled gewwa Pieta' nhar is-07 ta' Frar 1978, idikjarat li jirrisjedi gewwa l-indirizz 90, Emerald, Triq San Xmun, Fgura u detentur tal-karta ta' l-identita' 102278M

Akkużat talli nhar l-14/03/2021 ghal ħabta ta' 3PM u fis-siegħat u/jew fil-ġranet u/jew gimgħat u/jew xhur ta' qabel ġewwa Il-Fgura u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'rizoluzzjoni wahda

1. Ikkaġuna lil konjuga li tiġi omm uliedu **Kelly u Kaydon** u cioe′ **Maria Newbould**, fastidju meta ġab ruħu b′mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali fil-preżenza ta′ l-imsemmi minuri

U talli nhar is-06/02/2021 fil- ħinijiet ta′ bejn l-10PM u ′l-11PM ġewwa Il-Fgura

2. Volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura ħafifa  fuq il-persuna ta' **Maria Newbould**, hekk kif iċċertifikat **Dr. Madeline Bonnici** mill-klinika ta′ Raħal Gdid

U aktar talli nhar l-14/03/2021 fil-ħinijiet ta′ bejn is-2PM u 3PM ġewwa Il-Fgura

3. Volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura ħafifa ta′ importanza żghira fuq il-persuna ta' **Maria Newbould**

4. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b′mod ieħor lil **Maria Newbould**

5. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band′oħra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b′mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil **Maria Newbould**

Il-Qorti giet mitluba li toħroġ ordni ta′ protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Etienne Newbould** a benefiċju ta′ **Maria Newbould** u ′l-familjari tagħha u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll f′każ ta′ ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni ta′ **Maria Newbould** jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Etienne Newbould** b′obbligazzjoni

tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal zmien li tħoss xieraq,

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tas-16 ta' Marzu 2021, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar il-5 ta' Lulju 2021 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputati ghandhom jigu aggudikati minn din il-Qorti u jinstabu hatja u cioe[2]:

a. Fl-artikoli 18, 251A u 251H(a)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 214, 215, 221(1) u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 214, 215 u 221(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tas-7 ta' Dicembru 2021, din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi

[1] Folio 99 ta' l-atti processwali
[2] Folio 153 ta' l-atti processwali

procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar is-7 ta' Dicembru 2021[4].

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar il-14 ta' Gunju 2022.[5]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u hadet konjizzjoni tan-noti tas-sottomissjonijiet li gew ipprezentati lil-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, kif ukoll ix-xhieda ta' l-imputat li nghatat b'mod volontarju, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz irrizulta nhar il-14 ta' Marzu 2021 meta gie rapportat lill-pulizija dwar incident ta' vjolenza domestika gewwa l-Fgura. Mill-investigazzjoni tal-pulizija irrizulta li l-imputat kien allegatament ghamel diversi reati kontra martu fil-presenza ta' uliedu.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

[3] Folio 102 ta' l-atti processwali
[4] Folio 102 ta' l-atti processwali
[5] Folio 141 ta' l-atti processwali

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xiehda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2021 xehdet **it-Tabiba Madeline Bonnici**[6], adetta fic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid li stqarret li fis-6 ta' Frar 2021 kienet ezaminat lill-parte civile Maria Newbould gewwa ic-Centru tas-Sahha Paola, fejn Maria Newbould ipprezentat b'nefha u ugiegh fuq l-ghajn tax-xellug kif ukoll nefha u ugiegh mal-minkeb tax-xellug. Dawn il-griehi gew klassifikati bhala hlief salv kumplikazzjonijiet. Ix-xhud gharfet u kkonfermat ic-certifikat li jinsab ezebit.[7]

Fl-istess seduta xehed **PS 583 Ivan Grech**[8], stazzjonat fit-Taqsima ta' Kontra l-Vjolenza Domestika li spjega li nhar is-7 ta' Frar 2021 ghall-habta tas-00:45hrs kienet marret tirrapporta l-parte civile Maria Newbould li aktar kmieni dakinhar kellha xi argumenti mal-imputat Etienne Newbould, li hu zewgha. Kienet stqarret li ghall-habta tal-22:30hrs, hija rritornat id-dar milli tixtri *take-away*, u hekk kif dahlet sabet lill-imputat jistenniha fil-kcina fejn kien pront qabadha minn idejha l-leminija u tafeghha mal-art fejn qabad ihabbtilha rasha mal-art. Dan kollu sar quddiem l-ulied Kaden ta' 5 snin u Kelly ta' 6 snin. Apparti li sar rapport mal-Pulizija fuq dan l-incident, kien sar *risk assessment* minn Roberta Formosa u Redent Farrugia mill-Agenzija Appogg.

Minn naha tieghu, fl-10 ta'Frar 2021, ix-xhud baghat ghall-imputat fejn dan kien ta stqarrja wara li rrifjuta li jikkonsulta ma' avukat. Il-verzjoni li ta l-imputat dwar l-incident kienet li hekk kif dahlet lura, il-parte civile marret fuqu u bdiet tghajjat f'wiccu li *"ma ghandha lil hadd"*, qalilha biex tikkalma u mbuttaha minn fuqu, bil-konsegwenza li waqghet mal-art.  L-istess xhud ikkonferma li kien hu l-ufficjal li ha r-rapport dwar l-incident.  Illi fir-rapport bir-referenza NPS

[6] Folio 44-45 ta' l-atti processwali
[7] Dok EH6, Folio 20 ta' l-atti processwali
[8] Folio 46-51 ta' l-atti processwali

GHQ/GBDV/144/2021[9] jirrizulta li nhar is-7 ta' Frar 2021, Maria Newbould ghamlet rapport li r-ragel taghha kien refa' idejh fuqa u ghamlilha griehi ta' natura hafifa. Skond l-istess rapport

*"… kien qed jistennieha fil-kcina u qabada mill-ewwel min ideja l-leminija u tefaghha fl-art. Qabdilha rasa u beda jhabbatiela ma l-art. Dan kollu sar quddiem it-tfal taghhom li huma tifel ta 5 snin Kaydon u it-tifla ta' 6 snin Kelly."*[10]

Fl-istess seduta xehdet **il-parte civile Maria Newbould**[11]. Spjegat li hija ghamlet rapport mal-Pulizija fil-konfront ta' zewgha minhabba li fis-6 ta' Frar 2021, hija kienet marret tixtri *take-away* u hekk kif dahlet lura d-dar, l-imputat qabadha minn spallejha, waqqaghha mal-art u imbaghad nizel ghal hdejha u beda jhabbtilha rasha mal-art. Skont il-parte civile, dan sehh quddiem it-tfal Kaden ta' 5 snin u Kelly ta' 6 snin. Dwar dan hija marret taghmel rapport fl-Ghassa tal-Fgura fejn baghtuha c-Centru tas-Sahha sabiex tigi ezaminata u wara l-kwartieri generali tal-Pulizija fejn giet mitkellma anke` minn ufficjali tal-Agenzija Appogg. Il-parte civile spjegat li kien hemm episodju iehor lejn nofs Marzu 2021, wara li hija kienet bdiet proceduri ta' separazzjoni personali. L-imputat kien mar fuqha u beda jghidilha li "*ser tfotti familja*[12]" u jersaq vicin hafna taghha. Biex tahrab minnu, il-parte civile provat titla' fuq il-bejt izda hekk kif ittentat taghlaq il-bieb tat-tarag warajha, l-imputat beda jimbotta l-bieb lura u jhabbatha mal-hajt. Hekk kif zgiccat, cemplet ghall-assistenza tal-Pulizija li minn fuq il-linja setghu jisimghu l-ghajjat tal-imputat. Il-parte civile spjegat li bejn l-incident ta' Frar u l-incident ta' Marzu tista' tghid li l-glied u l-argumenti baqghu kontinwi.

Illi dwar l-incident li kien sehh dakinhar stqarret illi:

---

[9] Dok EH3, Folio 9-12 ta' l-atti processwali
[10] Folio 11 ta' l-atti processwali
[11] Folio 52-59 ta' l-atti processwali
[12] Folio 55 ta' l-atti processwali

*"Minn hawnhekk, qabadli rasi minn hawnhekk, qabdli rasi u beda sejjer hekk u jien ma stajtx niccaqlaq ghax hu kien kokka hekk fuqi, jiena jigifieri kont fin-nofs zammni, imbaghad minn rasi hekk inizzilieli isfel."*[13]

Ix-xhud giet riprodotta in kontro-ezami fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2022[14]. Hija baqghet issostni li l-imputat kien tela' kokka fuqha meta waqghet mal-art u li kien qaghad isabbtilha rasha mal-art.

Spjegat li dan l-incident, u cioe` dak tas-6 ta' Frar 2021, sehh wara li hija kienet qed iddur mal-mejda tal-kcina biex tiskapola l-aggressjoni tal-imputat. Ikkonfermat li meta sehh dan, hija kienet diga` bdiet proceduri li jwasslu ghal separazzjoni personali izda nnegat li f'dak iz-zmien hija kienet trid li zewgha l-imputat jigi allontanat mid-dar matrimonjali.

*"…lanqas stajt nicaqlaq fhimt, ihabbatili hekk mal-art jiena pruvajt nipprotegi lili nnifsi qed tifhem ma stajt nicaqlaq.*

….

*beda jugani genbi u hawn idejja ghad waddabni mal-art l-agenba, mort il-clinic, nehhewli l-make up biex ikunu certi, u sabuli t-tbengil ara ghandi c-certifkati u hekk."*[15]

Dwar l-incident ta' Marzu 2021, il-parte civile kkoncediet illi hija kienet weggghet idejha meta bdiet tissara mal-bieb tal-bejt sabiex tahrab mill-imputat u titla fuq il-bejt u mhux ghax l-imputat kien sawwatha jew altrimenti aggrediha b'xi mod iehor.

Fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2021 xehdet **Roberta Formosa**[16], ufficjal tal-Agenzija Appogg, li stqarret li hija kienet ghamlet ir-*risk assessment* dwar il-kaz odjern

[13] Folio 54 ta' l-atti processwali
[14] Folio 129-135 ta' l-atti processwali
[15] Folio 129a ta' l-atti proceswali
[16] Folio 91-94 ta' l-atti processwali

minn fejn kien irrizulta *score* ta' 6, jigifieri "*standard low risk*". Ix-xhud gharfet u kkonfermat id-dokument ezebit[17]. In kontro-ezami, ix-xhud iccarat li l-assessjar sar biss fuq ir-relazzjoni tal-parte civile mal-imputat u ma dahlux fuq kwistjonijiet ta' relazzjonijiet precedenti.

Fl-istess seduta xehed **Redent Falzon[18]**, ufficjal tal-Agenzija Appogg, li bhal kollega tieghu li xehdet qabelu gharaf u kkonferma d-dokument ezebit[19] li huwa r-*risk assessment report* relattiv. Spjega li r-rapport sar biss fuq dak li stqarret il-parte civile u ma kienux kellmu lill-imputat bhala parti mill-process.

Illi skont dan ir-rapport, il-parte civile tablet sabiex tigi segwita minn *social worker*. Fir-rapport hemm indikat ukoll li hemm *"visible bruise on her face."*[20] Il-vittma stqarret ukoll li l-imputat kien qed jissuspetta li hi kellha relazzjoni ohra barra miz-zwieg.

Finalment ir riskju tal-parte civile gie kategorizzat bhala *Standard* b'rata sitta (6) fuq l-iskala dwar riskju x'hemm.

Fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2022 xehed **l-Ispettur Eman Hayman[21]** in kontro ezami, stazzjonat fit-Taqsima ta' Kontra l-Vjolenza Domestika. Huwa stqarr li ma kienx sar *forensic interview* lill-ulied minuri u dan kien minhabba l-komplikazzjonijiet mahluqa mill-pandemija tal-Covid-19. Iccara li fil-fatt ir-rapport mediku pprezentat mill-parte civile dwar l-incident tas-6 ta' Frar 2021 ma kienx jirrispekkja l-portata tal-aggressjoni kif deskritta mill-istess parte civile u f'dak l-istadju, il-Pulizija *"ma rieditx issallab"* lill-imputat Etienne Newbould, biss wara li imbaghad dahal rapport iehor f'Marzu 2021, ix-xhud ma tantx kellu ghazla dwar jekk jipprocedix.

---

[17] Dok EH7, Folio 21-29 ta' l-atti processwali
[18] Folio 95-97 ta' l-atti processwali
[19] Dok EH7, Folio 21-29 ta' l-atti processwali
[20] Folio 25 ta' l-atti processwali
[21] Folio 126-128 ta' l-atti processwali

Illi l-Ispettur kien diga esebixxa zewg rapport relatati ma' l-incident bin-numru tar-referenza NPS 3/E/907/2021[22] u iehor bin-numru tar-referenza NPS GHQ/GBDV/301/2021 meta kien tressaq l-imputat l-ewwel darba l-Qorti.[23] Illi skont dawn ir-rapporti kien qam argument bejn Maria Newbould u Etienne Newbould waqt li kienu kwarantina fuq is-separazzjoni taghhom.

*"Skond il-kwerelanta Etienne qabada minn idha u beda jhabbata mal-bieb tat-tarag u kantuniera tal-istess tarag. Waqt dan l-agir Maria sostniet li kien hemm it-tfal minuri tal-eta 5 u 6 snin.*

*Mistoqsija jekk hija kinietx garbet xi griehi waqt dan l-agir, Maria stqarret li kienet qed thoss idha x-xellugija, fuq in-naha ta' fuq, tugaha. Minn naha ta' Pulizija ma' nutatt l-ebda griehi vizzibli fuq idha."*

Fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2022 xehed **l-Avukat Dr Ian Micallef[24],** li qed jippatrocina lill-imputat fil-proceduri quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) li ghandu kontra l-parte civili. Spjega li l-kontestazzjonijiet principali kienu sabiex issir valutazzjoni tad-dar matrimonjali u dwar l-access mal-ulied – partikolarment ghaliex minkejja li l-parte civile tahdem matul il-lejl, hija qed tirrezisti li l-ulied jorqdu mal-imputat. Fil-fehma tax-xhud, il-parte civile kellha t-tir li testrometti lill-imputat mid-dar matrimonjali u jista' jkun li kienet qed tuza r-rapporti mal-Pulizija bhala mezz sabiex jigi hekk allontanat.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

[22] Dok EH4, Folio 13-15 ta' l-atti processwali
[23] Dok EH5, Folio 16-19 ta' l-atti processwali
[24] 142-144 ta' l-atti processwali

Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[25] ta' l-imputat ittiehdet nhar il-15 ta' Marzu 2021 u cioe l-ghada ta' l-incident fil-prezenza ta' l-Ispettur Eman Hayman u PC 575 Mark Tonna u dan wara li kien inghata is-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.[26]

Illi l-istqarrija ta' l-imputat Etienne Newbould saret b'mod awdjovizwali li sussegwentement giet traskritta. Mill-istqarrija l-imputat jinnega li refa idejh fuqha.

*"….fl-ebda moment ma deher grif u daqqiet fuq gisem il-mara tieghi, jigifieri huwa totalment gideb biex tghatti l-affarijiet li qed taghmel hi minn warajja."*[27]

Illi skond ir-rapport bir-referenza NPS GHQ/GBDV/144/2021, meta kien gie mitkellem l-imputat dwar allegat incident iehor li kien sehh nhar is-6 ta' Frar 2021, qabel dan mertu ta' dan il-kaz, huwa kien stqarr mal-pulizija:

*"Dak il-hin allega li marret wicc mb wicc mieghu fejn bdiet tghajjat u tghidlu li m'ghandha lil had fejn min-naha tieghu qalila sabiex tikkalma fejn imbutta w waqghet mal-art. Kif qamet qaltlu li kienet sejra l-ghassa tirrapurtah."*[28]

L-imputat spjega li dak in nhar ta' l-incident bdew jargumentaw u hi bdiet tghajjat go wiccu u qaltlu li kienet ser icempel il-pulizija u taghmel rapport. Wara

*"marret tiehu c-cweivet tal-karozza u tad-dar biex titlaq il' barra u ma hallejtix zammejtilha l-bieb, pruvat imbaghad taqbad il-mobile u tidhol fit-toilet u ssakkar il-bieb tal-banju biex iccempel minn hemm u ma hallejtix, imbaghad ghidtilha isma minni kkalma ghax qed tghaffeg u qed tghaggel.*

---

[25] Dok EH13, Folio 35 u Dok KV1, Folio 107-124 ta' l-atti processwali
[26] Dok EH12, Folio 34 ta' l-atti processwali
[27] Folio 108 ta' l-atti processwali
[28] Folio 12 ta' l-atti processwali

.....

*Telghatli fuq il-bejt, tlajt warajha, bdejt nipprova nwaqqafa minn kollox biex ma ccempilx, lahqet cemplet u bdiet titkellem ma xi pulizija u l-pulizija bdejt nghidilha Sinjura din qed tigdeb temminix, din qed tigdeb."*[29]

Skond hu, dan l-agir kien qed issir b'mod abbusiv ghaliex hu qatt ma mess lil hadd jew refa idejh fuq mara u sar biss bl-iskop li thammgu u ghalhekk kien qed izzomm il-bieb u jipprova iwaqqafha milli icempel lill-pulizija.

*"Dak il-bieb jiena qbadt, ghalaqtulha u ntfajt quddiemu. Ghidtilha le mintix sejra bic-cwievet l-ghassa terga."*[30]

L-imputat ikkonferma li kienu ilhom bil-problemi bejniethom u minkejja li martu riedet separazzjoni, hu kien qed jirrezisti u ghalhekk kienu qeghdin jargumentaw.

Fil-jum ta' l-incident harget biex tixtri xi haga ta' l-ikel izda filwaqt li kienet qadja li ma kelliex tiehu hin damet barra madwar tlett sieghat u spjegat li hi raqdet fil-karozza. L-imputat ikkunsidra din bhala mhux veritjera u dan iktar u iktar meta kien sar jaf b'skambju ta' messaggi bejn martu u terza persuna kollega li kienu jidhru amoruzi. L-argument eskala u

*"giet b'rabja kbira go wicci jigifier wicc mb' wicc kwazi taghtni daqqa ta' ras u mbuttatni lura. "*[31]

**Ikkunsidrat**

**Il-verzjoni ta' l-imputat**

---

[29] Folio 109 ta' l-atti processwali
[30] Folio 111 ta' l-atti processwali
[31] Folio 120 ta' l-atti processwali

Fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2022 xehed minn rajh l-imputat **Etienne Newbould.** Huwa kkonferma li ghadu mizzewweg lill-parte civile Maria Newbould u li minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied. Spjega li d-dar matrimonjali, li tinsab fil-Fgura, hija proprjeta` tieghu u tal-mara u kien hemm xi self mill-HSBC Bank Malta plc. Fil-fehma tal-imputat, ir-relazzjoni tieghu mal-mara bdiet sejra lura minn meta hi qabdet tahdem l-iljieli fl-ajruport, fejn kien ikollha biss is-Sibt filghaxija liberu. Minn naha tieghu, l-imputat xtaq illi hi tmur tahdem ta' *salesgirl* filghodu kif kienet tahdem qabel ma kellhom it-tfal. L-imputat spjega li hu xtaq li jpoggu madwar mejda u jiddiskutu kif ser isalvaw iz-zwieg izda l-parte civile ma kienitx riedet tirraguna mieghu. Dwar l-incident tas-6 ta' Frar 2021, l-imputat spjega li huwa kien inkwieta meta ra li l-parte civile baqghet ma rritornatx id-dar wara hafna hin u ma emminiex li kienet kielet fil-karozza u marret ghajnejha biha. Kif dahlet id-dar qalilha li kien ser jghid lil ommha b'dak li kien qieghed jigri u kif qalilha hekk, hebbet ghalih u hu instintivament imbuttaha lura. Dan gara fis-salott tad-dar. Dwar l-incident ta' Marzu, spjega li ftit wara li kient telqet omm il-parte civile minghandhom, rega' qalilha li kien irid ikellem lil ommha u ta' dan wiegbet li *"ser immur naghmillek rapport iehor"*. Minn naha tieghu, l-imputat prova jwaqqaf lill-parte civile milli tissakkar fil-kamra tal-banju biex iccempel izda imbaghad skappat ghal fuq il-bejt minn fejn eventwalment cemplet lill-Pulizija u ghamlet rapport. Minn dakinhar, l-imputat telaq mid-dar matrimonjali u mar joqghod ghand missieru sabiex jigi evitat l-inkwiet. Spjega ukoll kif minkejja li l-parte civile kienet bdiet proceduri ta' separazzjoni personali, spiccat bidlet xi tlett avukati u issa kollox jinsab wieqaf.

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel imputazzjoni**

L-imputat tressaq tali ghamel reat skont l-artikoli 18 u 251A tal-Kodici Kriminali.

L-artikolu 251A jghid:

*251A. (1) Persuna li:*

*(a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew*

*(b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun tafli dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna; jew*

*(ċ) tissoġġetta lil persuna oħra għal xi att ta' intimitàfiżika; jew*

*(d) titlob favuri sesswali mingħand persuna oħra; jew*

*(e) tissoġġetta lil persuna oħra għal xi att u, jew imġiba lijkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew ximaterjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġibamhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħuraġonevolemnt jiġu kkunsidrati bħala offensivi,umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha,*

*tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.*

Skond **Blackstone Criminal Practice**:

> *D's conduct must cause the complainant to fear that violence will be used against him; it is not sufficient for it to frighten the complainant as to what might happen (Henley (2000) Crim LR 582; Caurti v DPP (2002) Crim LR 131). It is always a question of act (Caurti and R (Simon Howard) v DPP (2001) EWHC Admin 17) and, whilst it can sometimes be inferred from the evidence, there should, if possible, be direct evidence from the complainant (R vs DPP (2001) Crim LR 396; Cuarti)....the prosecution must prove that the conduct in question was targeted at an individual, that it was calculated to*

*produce the consequences described in s 7 of the Act (alarming the person or causing the person distress) and that it was both oppressive and unreasonable (see Haque at (70)-(73))'*[32]

Mix-xhieda tal-vittma jirrizulta li Maria Newbould kien qed ikollha problemi fiz-zwieg ma l-imputat u li dawn kienu aggravaw fil-gimghat qabel l-incidenti meta nbdew il-proceduri ta' separazzjoni bejniethom. Skond Maria Newbould ma kienitx l-ewwel darba li kien hemm kwistjonijiet bejniethom.

Fir-rigward tad-difiza li seta ressaq ghar-rigward dak li jipprovdi l-artikolu 251B(3) tal-Kodici Kriminali, ma irrizultax li l-imgieba ta' l-imputat jista jigi meqjus bhala ragonevoli sabiex jipprovi ghal-protezzjoni tieghu jew ta' haddiehor jew xi propjeta. M'hemmx dubju li l-*course of conduct* tieghu ma kienitx minhabba sabiex isegwi xi ligi jew regolament iehor u mill-osservazzjonijiet tal-Qorti ma irrizultax li l-imgieba tieghu u r-reazzjonijiet tieghu mal-familja tieghu huma ragonevoli.

Madankollu huwa ben risaput u stabbilit li l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali jehtiegu *course of conduct*. Din il-Qorti tqis li l-*course of conduct* mhux biss irid jirrizulta mill-provi, u li l-istess kondotta trid tirrizulta fil-konfront ta' persuna wahda identifikata[33], izda li l-imputazzjoni trid tkun formulata u postulata b'tali mod li l-*course of conduct*, rizultanti f'aktar minn okkazzjoni temporali wahda, ikun jiffigura f'dik l-imputazzjoni.

Illi f'dan il-kaz, l-imputazzjoni jirreferi ghal zewg incidenti wiehed, senjatament dak tas-6 ta' Frar 2021 u l-iehor ta' l-14 ta' Marzu 2021. Madankollu t-tnejn irridu jinkorru u minn ezami aktar il-quddiem ta' din is-sentenza din il-Qorti sejra tghaddi sabiex ma ssibtx htija fuq dawk l-incidenti li allegatament saru nhar il-14 ta' Marzu 2021. Ghalkemm b'mod generiku, il-

[32] Blackstone Criminal Practice, 2015, Oxford, Section B2.186, p. 297
[33] Ara per ezempju **Il-Pulizija vs Reno Azzopardi et** (Appell Kriminali deciz fit-28 ta' Frar 2018 per Onor. Imh. Edwina Grima)

parte civile taghmel referenza ghal-zminijiet difficli, din il-Qorti ma tqisx li dan kien ikun bizzejjed biex issib htija ta' dawn l-akkuzi, tenut kont tar-rekwizit tal-*course of conduct*.

**Ikkunsidrat**

**It-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet**

Illi c-certifikat mediku esebit jirreferi ghas-6 ta' Frar 2021. Din il-Qorti m'ghandiex certifikat mediku ghar-rigward dak li gara fl-14 ta' Marzu 2021.

It-tfal minuri Kelly u Kaydon Newbould ma tressqux sabiex jaghtu x-xhieda u lanqas kienet ittiehdet dikjarazzjoni minghandhom jew gew mitkellma f'ebda stadju. Dan qed jinghad in vista tal-fatt li ssemew li kienu prezenti fl-incidenti li kien qed isseh bejn il-genituri taghhom.

Mix-xhieda li giet imressqa jirrizulta li l-prosekuzzjoni tistrieh principalment fuq ix-xhieda ta' Maria Newbould li spjegat u identifikat lill-imputat bhala l-persuna li kien aggrediha u involut fl-incidenti tas-6 ta' Frar 2021 u tal-14 ta' Marzu 2021.

Illi d-dottrina legali stabbilita li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti."*[34] u li bhala principju fundamentali tal-process gudizzjarju f'materja penali ghandu jilhaq il-grad tad-dubju dettat mir-raguni *"u jekk jezisit dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat."*[35]. Madankollu dan ma ghandux ifisser jew jigi interpretat li kull dubju huwa bizejjed sabiex iggib il-liberatorja jew li jinheles kull responsabilita legali stante li d-dubju hija rrid ikunwiehd wiehed <u>ragonevoli</u>.

---

[34] Pulizija vs Paolo Farrugia; Appell Kriminali Inferjuri; 1 ta' Awissu 1959

[35] Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena; Criminal Appeal Superior Court; 5.12.2012; and Repubblika ta' Malta vs George Spiteri, Criminal Appeal Superior Court; 5.7.2002.

Filwaqt li l-prosekuzzjoni tistrieh principalment fuq ix-xhieda ta' Maria Newbould, il-Qorti taghmel referenza ghal-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

*(2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biextagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.*

Dan ifisser li jekk ix-xhieda ta' xhud wiehed jigi emmnut dan jista jigi kkunsidrat bhala prova sufficjenti hekk kif inhu retinut fil-kaz **Pulizija vs Joseph Thorne**[36]

*"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni talpersuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond ilkriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux."*

Dan il-punt gie wkoll spjegat fil-kaz **Il-Pulizija vs Matthew Borg**[37]

*"Illi fid-dawl tas-suespost u cioe' x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata talprovi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kaz **Il-Pulizija vs Kieran Vella**[38]

---

[36] Court of Criminal Appeal (Inferior); 9th July 2003
[37] Court of Criminal Appeal (Inferior); 10th November 2014
[38] Court of Criminal Appeal (Inferior); 6th October 2016

*" Issa meta l-Qorti tasal biex taghzel bejn verzjoni u ohra, naturalment jittiehdu in konsiderazzjoni id-diversi parametri fosthom il-komportament tax-xhieda biex wiehed jara kemm dak li qed jghidu ghandu missewwa jew le."*

Ghalhekk meta l-Qorti tezamina l-atti kollha quddiemha, din il-Qorti trid tiddetermina jekk ghandiex provi bizejjed sal-grad rikjest fil-ligi u skond il-gurisprudenza sabiex tasal ghad-decizjoni finali. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jintqal minn Lord Denning fil-kaz **Miller vs Minister of Pension**[39] fejn jinghad:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **The Police vs Yilmaz Azlan**[40] fejn gie ritenut:

*"the court has to conduct a certain exercise when assessing a witness to see whether he is saying the truth or otherwise and follows the above guidelines. However, these guidelines are not exhaustive. The law leaves such matters of discretion in the hands of the Judge who has to analyse such evidence in seeing whether for example a witness is credible or not, sees whether he has an ulterior motive to testify in the manner he did, to examine his behaviour and how he acted whilst on the witness stand and how he answered the questions put forward to him. In carrying out such an examination the court will be in a position to judge whether such witness is saying the truth, whether such evidence is consistent with what was said by the same witness earlier on if for example he himself is makes contradictions in his own testimony or whether there are*

[39] 1974 – 2 ALL ER 372

[40] Decided by the Court of Criminal Appeal on the 18th June 2019 – Appeal No. 438/2014

*other facts which disapprove what is being said by the witness. These are but a few examples because the law does not provide any hard rules on the judge as to how he is to carry out such examination. But it is imperative that the judge is free to use his own discretion to see where the witness takes him A judge can believe a witness in whole, in part or not at all".*

Illi appart ix-xhieda principali ta' Maria Newbould, dak li ntqal minnha ghar-rigward l-incident tas-6 ta' Frar 2021 gie ikkorroborat b'certifikat mediku kif ukoll ta' xhieda li ikkonfermaw li raw tbengil frisk fuq wiccha. Fir-rigward l-incident ta' l-14 ta Marzu 2021, dak li ntqal mill-parte civile ma giex ikkoroborat b'certifikat mediku u l-ufficjali tal-pulizija kienu stqarrew li meta attendew fuq il-post ma nnuttawx l-ebda griehi vizzibli fuq idha.

Minn dak kollu li ghandha quddiema l-Qorti tikkunsidra li l-incident tas-6 ta' Frar 2021 gie ippruvat li sehh fis-sens li l-imputat kien ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-gisem ta' Maria Newbould.

Minn naha l-ohra ghar-rigward l-incident ta' l-14 ta' Marzu 2021 din il-Qorti tqis li ma tressqux provi sufficjenti u dan qieghed jinghad ukoll tenut ta' dak li li l-istess Maria Newbould stqarret in kontro ezami dwar kif kienet wegghet.

Ghaldaqstant din il-Qorti hija moralment konvinta mill-kaz tal-prosekuzzjoni li t-tieni imputazzjoni gie soddisfacjentement ippruvat u sejjer tghaddi sabiex issib l-imputat hati tieghu filwaqt li tqis li l-imputazzjonijiet l-ohra ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi u sejra tghaddi sabiex tilliberah minnhom.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat li hija netta.[41]
- Il-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex titratta dan ir-reat bhala wiehed ta' vjolenza domestika. Illi bla dubju ta' xejn ma jistax jinghad li dawn it-tip ta' reati fuq membri tal-familja huma ghal kollox deplorabbli kif ukoll atti li ssiru minn genituri ghal fuq it-tfal li ghandhom isservu u jaghtu ezempju u mhux joholqu jew jikkontribwixxu ghal ambjenti go familji li jkunu intollerabbli u ta' dwejjaq ghal min irrid jissaporti jghix fihom.
- Illi l-Avukat Generali jitlob lill-Qorti sabiex tqis ic-cirkostanzi aggravanti tal-kaz skont l-artikolu 222(1)(a) tal-Kodici Kriminali li bihom il-piena ghandha tixdied bi grad skond dak li jipprovdi l-artikolu 31 tal-Kodici Kriminali meta l-offiza ssir fuq il-konjugi.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u cioe:

a. Fl-artikoli 18, 251A u 251H(a)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 214, 215, 221(1) u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 214, 215 u 221(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[41] Dok EH2, Folio 8 ta' l-atti processwali

issib lil Etienne Newbould **mhux hati** ta' l-ewwel, tat-tielet, tar-raba' u tal-hames imputazzjonijiet dedotti kontrih u tilliberah minn kull htija u piena dwarhom, izda ssibu **hati** tat-tieni imputazzjoni dedotta kontrih u a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mill-llum.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' u l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hati Etienne Newbould ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesta fis-somma ta' sittin Euro u seba' u tlettin centezmu (€ **60.37**) rapprezentanti spejjez ta' Dr. Katya Vassallo.[42]

**Moghtija illum nhar it-8 ta' Novembru 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

[42] Folio 124 ta' l-atti processwali

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**